MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 138/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C24655**

**vs**

**Spiteri Darren**
**ID118685-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mija, sebgha u disghin ewro, erbgha u disghin centezmu (€2,197.94c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40196230 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok.'IZY1' u Dok.'IZY2' – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok.'IZY3' – estratt

mir-Registru Elettorali, u Dok.'IZY4' – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.
Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra d-dokumenti li gew pprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.'IZY1' sa Dok.'IZY4'.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mija, sebgha u disghin ewro, erbgha u disghin centezmu (€2,197.94c) bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------